



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-14 ta' Diċembru 2022

Rispons rapidu ta' EUR 100 biljun li ngħata mill-UE għas-salvagwardja tal-impjegi matul il-COVID: l-impatt mhuwiex ċar

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-għodda ta' appoġġ ta' EUR 100 biljun tal-UE għall-ħaddiema u d-ditti milquta mill-kriżi (SURE) fl-Istati Membri kienet rispons fil-pront biex jittaffa r-riskju ta' sensji fuq skala enormi minħabba l-pandemija tal-coronavirus. Madankollu, l-impatt ta' SURE fuq is-salvataġġ tal-impjegi ma jistax jiġi vvalutat kif xieraq minħabba l-mod kif il-Kummissjoni Ewropea fasslet l-għodda l-ġdida, u minħabba nuqqas ta' *data* tajba fil-livell nazzjonali. Biex tiegħu tagħlimiet għall-għodod futuri tal-kriżijiet, issa huwa mistenni li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni sħiħa tal-appoġġ taħt SURE. Din se tkun ukoll opportunità biex jidher kif ir-riskju ta' frodi ġie minimizzat, minħabba li l-pajjiżi kollha ħlief wieħed li użaw SURE rrappurtaw irregolaritajiet u frodi allegata.

Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet f'riskju miljuni ta' impjegi fl-Ewropa. L-UE rreaġiet rapidament billi introduċiet l-għodda SURE, li tipprovdi self b'terminu twil u bi prezz baxx għall-pajjiżi fil-blokk kollu. Huma jistgħu jużaw il-flus biex joħolqu jew jestendu l-iskemi tagħhom għaż-żamma tal-impjegi, bħal xogħol b'ħinijiet iqsar, assenza bil-permess u sussidji tal-pagi, u għall-miżuri tas-saħħa. Il-pajjiżi tal-UE li talbu self kienu 19, u kważi EUR 92 biljun diġà ġew żborżati. Is-self li ngħata lill-Italja u lil Spanja jirrappreżenta aktar minn nofs dak l-ammont.

"SURE rrifletta l-kuntest ta' emerġenza u għamel disponibbli fondi tal-UE, malajr u b'mod effiċjenti, bħala miżura ta' rpar tal-impatt tal-pandemija fuq il-ħaddiema u d-ditti," qalet Iliana Ivanova, il-Membri tal-QEA li mexxiet l-awditu. *"Madankollu, l-impatt sħiħ tiegħu fil-prattika għadu mhuwiex magħruf. Minkejja xi indikazzjonijiet ta' suċċess, ma hemmx biżżejjed data konkreta biex jiġi vvalutat kemm fil-fatt ġew salvati impjegi."*

Il-Kummissjoni rnexxielha twassal malajr il-fondi taħt SURE lill-Istati Membri – seba' xhur wara li kienet ġiet iddikjarata l-pandemija, li huwa aktar rapidu milli taħt proċeduri ta' finanzjament standard. Madankollu, minkejja ċerti indikazzjonijiet li SURE laħaq miljuni ta' ħaddiema matul l-aktar perjodu sever tal-kriżi, il-kontribut tiegħu biex jittaffa l-qgħad ma jistax jiġi vvalutat bis-sħiħ. Dan huwa parzjalment minħabba li l-impatt tiegħu ma jistax jiġi diżakkoppjat mill-impatt tal-iskemi ta' appoġġ tal-pajjiżi stess.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Ir-regoli innovattivi tal-UE għal SURE jagħtu lill-Istati Membri libertà konsiderevoli li jagħżlu fuq xiex jonfqu l-flus. Barra minn hekk, ma jirrikjedux li l-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sistemi ta' kontroll tal-pajjiżi humiex robusti biżżejjed. F'dan l-isfond, l-awdituri jisfqu li l-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet bħall-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi, b'mod ġenerali, huma suxxettibbli għal użu ħażin. Fil-każ ta' SURE, 18 minn 19-il pajjiż qabdu irregolaritajiet jew frodi, u investigaw dawn il-każijiet kollha, u dan wassal biex jiġu rkuprati fondi li kienu ntużaw b'mod mhux xieraq fi 13-il Stat Membru. Il-Kummissjoni nfisha ma nediet l-ebda investigazzjoni, fuq il-bażi li din kienet responsabbiltà tal-Istati Membri. Jekk jinqabad xi użu ħażin, il-fatt li l-pajjiżi se jkollhom iħallsu lura s-self iżomm taħt kontroll ir-riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE. Madankollu, l-UE tiffaċċja riskju reputazzjonali jekk il-miżuri ffinanzjati mill-baġit tagħha jiġu pperċepiti bħala li huma suxxettibbli għal frodi.

Il-Kummissjoni stmat li l-pajjiżi li jużaw SURE ffrankaw madwar EUR 8.5 biljun f'pagamenti ta' mgħax bis-saħħa tal-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-UE. L-Italja, Spanja, ir-Rumanija, il-Polonja u l-Greċja jirrappreżentaw 86 % tal-iffrankar totali stmat.

Informazzjoni ġenerali

SURE hija għodda temporanja li mistennija tiskadi din is-sena. Biex tiffinanzja s-self, il-Kummissjoni tissellef mis-swieq kapitali billi toħroġ bonds. Din kienet l-ewwel darba li l-Kummissjoni ħarġet bonds soċjali, li jirrikjedu eżiti soċjali pożittivi. Is-27 pajjiż membru kollha tal-UE flimkien jiggarrantixxu 25 % tas-self kollu taħt SURE, li huwa salvagwardja f'każ li pajjiż ikun inadempjenti; il-75 % li jifdal jiġu ggarantiti mill-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni tistma li SURE appoġġa madwar 31.5 miljun persuna u 2.5 miljun ditta fl-2020, u li 9 miljun persuna fl-2021 ibbenefikaw minn skemi għaż-żamma tal-impjiegi ffinanzjati minn SURE.

Ir-Rapport Speċjali 28/2022, "Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE): il-finanzjament taħt SURE kkontribwixxa għall-preservazzjoni tal-impjiegi matul il-kriżi tal-COVID-19, iżda l-impatt sħiħ tiegħu mhux magħruf", huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502